Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 1990

li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tal-majjali

(90/429/KEE)

(ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/608/KE ta' l-10 Settembru 1999	L 242	20	14.9.1999
►**M2**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/39/KE tas-16 ta' Diċembru 1999	L 13	21	19.1.2000
►**M3**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003
►**M4**	Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008	L 219	40	14.8.2008

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 1990

li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tal-majjali

(90/429/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw il-problemi ta' saħħa tal-bhejjem f'kummerċ intra-Komunitarju f'bhejjem tar-razza ta' l-ifrat u l-majjali jidhru fid-Direttiva 64/432/KEE ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/360/KEE ([5]); billi b'żieda, id-Direttiva 72/462/KEE ([6]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/227/KEE ([7]) fiha dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-problemi ta' l-ispezzjonijiet veterinarji li wieħed jiltaqa' magħhom ma l-importazzjoni ta' bhejjem tar-razza ta' l-ifrat u majjali minn pajjiżi terzi;

Billi d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq assiguraw, fir-rigward ta' kummerċ intra-Komunitarju u ta' l-importazzjoni fil-Komunità ta' bhejjem tar-razza ta' l-ifrat u majjali minn pajjiżi terzi, li l-pajjiż tal-provenjenza jiggarantixxi li l-kriterji tas-saħħa tal-bhejjem ikunu ġew imwettqa sabiex ir-riskju li tinfirex marda tal-bhejjem tkun ġiet virtwalment eliminata; billi b'danakollu hemm ċertu riskju ta' tixrid ta' mard bħal dan fil-każ ta' kummerċ ta' sperma;

Billi fil-kuntest ta' l-istrateġija tal-Komunità ta' l-armonizzar ta' dispożizzjonijiet nazzjonali tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' bhejjem u prodotti tal-bhejjem, issa huwa meħtieġ li tinħoloq sistema armonizzata għal kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni fil-Komunità ta' sperma ta' bhejjem tar-razza tal-majjali;

Billi, fil-kuntest ta' kummerċ intra-Komunitarju ta' sperma, l-Istat Membru fejn l-isperma tiġi miġbura għandu jkun taħt l-obbligu li jassigura li sperma bħal dik tkun ġiet miġbura u pproċessata f'ċentri ta' ġbir approvati u ssorveljati, tkun ġiet miksuba minn bhejjem li l-istat ta' saħħa tagħhom ikun tali li jassigura li r-riskju tat-tixrid tal-mard tal-bhejjem ikun eliminat, kienet ġiet miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata bi qbil mar-regoli li jippreservaw l-istat tagħha ta' saħħa u li tkun akkompanjata matul it-trasport lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni b'ċertifikat ta' saħħa tal-bhejjem sabiex ikun assigurat li dan l-obbligu jkun ġie mwettaq;

Billi d-differenza fl-istrateġija segwita fil-Komunità fir-rigward ta' vaċċinazzjoni kontra ċertu mard tiġġustifika ż-żamma ta' derogi, limitati

([1]) ĠU C 267, tas-6.10.1983, p. 5.
([2]) ĠU C 342, tad-19.12.1983, p. 11.
([3]) ĠU C 140, tat-28.5.1984, p. 6.
([4]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
([5]) ĠU L 153, tas-6.6.1989, p. 29.
([6]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
([7]) ĠU L 93, tas-6.4.1989, p. 25.

▼B

fiż-żmien, li jawtorizzaw il-ħtieġa mill-Istati Membri, fir-rigward ta' ċertu mard, ta' protezzjoni addizzjonali kontra dak il-mard;

Billi għall-importazzjonijiet ta' sperma fil-Komunità minn pajjiżi terzi għandha tkun imħejjija lista ta' pajjiżi terzi li tieħu akkont tal-kriterji ta' saħħa tal-bhejjem; billi indipendentement minn lista bħal din l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw importazzjoni ta' sperma biss minn ċentri ta' ġbir ta' sperma li jilħqu ċerti normi u li jkunu ssorveljati uffiċjalment; billi; barra minn hekk, fir-rigward ta' pajjiżi fuq dik il-lista, kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-bhejjem għandhom ikunu stabbiliti bi qbil maċ-ċirkostanzi; billi, sabiex tkun ivverifikata l-konformità ma' dawk in-normi, għandu jkun possibbli li jitwettqu kontrolli fuq il-post;

Billi r-regoli u proċeduri għal kontrolli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li jikkonċernaw il-verifiki veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju invista tat-twettiq tas-suq intern ([1]) għandhom ikunu estiżi sabiex ikopru din id-Direttiva;

Billi sabiex ma jitħalliex it-tixrid ta' ċertu mard kuntaġġjuż, kontrolli ta' l-importazzjoni għandhom jittwettqu meta kunsinna ta' sperma tasal fit-territorju tal-Komunità ħlief fil-każ ta' transitu estern;

Billi Stat Membru għandu jkollu l-permess li jieħu miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' tfaqqigħ ta' marda kuntaġġjuża fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz; billi l-perikoli assoċjati ma' mard bħal dan u l-miżuri ta' protezzjoni li huma jenħtieġu għandhom ikunu stmati bl-istess mod madwar il-Komunità; billi għal dak il-għan, għandha tkun istitwita proċedura ta' emerġenza tal-Komunità li permezz tagħha għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-Kumitat Veterinarju Uffiċjali;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun fdata biex tieħu ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva; billi għal dak il-għan, għandha tkun stabbilita proċedura għall-kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-kummerċ ta' sperma prodotta qabel id-data li fiha l-Istati Membri għandhom ikunu konformi magħha,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju ta' u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' sperma ta' bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tar-razza tal-majjali.

L-Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li jinstabu fl-Artikolu 2 tad-Direttivi 64/432/KEE, 72/462/KEE, 80/407/KEE ([2]) u 90/425/KEE ([3]) għandhom japplikaw kif ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, "sperma" tfisser l-eġakulazzjoni ta' bhima domestika ta' l-ispeċi tar-razza tal-majjali, fl-istat mhux mibdula jew ippreparata jew miżjuda.

([1]) ĠU L 395, tal-31.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 10.
([3]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.

▼B

IL-KAPITOLU II

Kummerċ intra-Komunitarju

L-Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jassigura li sperma biss, li tissodisfa l-kondizzjonijiet ġenerali segwenti, tkun intenzjonata għall-kummerċ:

(a) għandha tkun ġiet miġbura u pproċessata, għall-iskopijiet ta' inseminazzjoni artifiċjali, f'ċentru ta' ġbir approvat mill-aspett ta' saħħa tal-bhima għall-għan ta' kummerċ intra-Komunitarju bi qbil ma l-Artikolu 5(1);

(b) għandha jkun ġiet miġbura minn bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi tarrazza tal-majjali li l-istat ta' saħħa tagħhom tkun konformi ma' l-Anness B;

(ċ) għandha tkun ġiet miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata bi qbil ma' l-Annessi A u Ċ.

L-Artikolu 4

1. Sal-31 ta' Diċembru 1992, l-Istati Membri li fihom, iċ-ċentri tal-ġbir kollha jkun fihom biss bhejjem li ma ġewx imlaqqma kontra l-marda Aujeszky li tagħti reazzjoni negattiva għat-test ta' newtralizzazzjoni tas-*serum*, jew it-test ELISA għall-marda Aujeszky, bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva:

— jistgħu jirrifjutaw id-dħul fit-territorju tagħhom ta' sperma minn ċentri ta' ġbir li ma għandhomx dak l-istatus,

— ma jistgħux jipprojbixxu d-dħul ta' sperma minn ħnieżer tar-refgħa li kienu ġew imlaqqma fiċ-ċentru ta' ġbir bil-vaċċina *GI deleted* sakemm:

  — vaċċinazzjoni bħal din tkun saret biss fuq ħnieżer tar-refgħa li kienu *serum-negative* fir-rigward tal-virus tal-marda Anjeszky,

  — eżaminazzjonijiet seroloġiċi mwettqa l-aktar kmieni fi żmien tliet ġimgħat mill-vaċċinazzjoni ta' ħnieżer tar-refgħa bħal dawn ma jurux il-preżenza ta' antikorpi kkaġunati mill-virus tal-marda.

    F'dan il-każ kampjun ta' sperma minn kull ġabra ta' kuljum maħsuba għall-kummerċ jista' jkun soġġett għal test ta' l-iżolament tal-virus f'laboratorju approvat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

    Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm il-Kummissjoni li taġixxi bi qbil ma' l-Artikolu 18, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1991, tkun stabbiliet il-protokolli għat-testijiet li għandhom jiġu użati għal dawn l-eżaminazzjonijiet b'segwiment tal-Kumitat Veterinarju Xjentifiku, b'mod partikolari b'konnessjoni mal-frekwenzi tat-testijiet li għandhom isiru fiċ-ċentru, it-testijiet ta' l-iżolament tal-virus u l-effettività u s-sigurtà tal-vaċċin GI.

2. Bi qbil mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18, jista' jkun deċiż li jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għal parti mit-territorju ta' l-Istat Membru jekk iċ-ċentri kollha ta' ġbir f'dik il-parti tat-territorju jkun fihom biss bhejjem li jagħtu reazzjoni negattiva għat-test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew it-test ELISA għall-marda Aujeszky.

3. Il-Kunsill għandu, qabel il-31 ta' Diċembru 1992, jeżamina mill-ġdid dan l-Artikolu fuq il-bażi tar-rapport mill-Kummissjoni, akkompanjat bi kwalunkwe proposta.

▼B

L-Artikolu 5

1. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru ta' ġbir ta' sperma għandu jassigura li l-approvazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 3(a) tingħata biss jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' l-Anness A u tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-Istat Membru għandu jassigura wkoll li l-veterinarju uffiċjali jissorvelja l-osservanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproponi li tiġi rtirata l-approvazzjoni meta waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ma tkunx aktar osservata.

▼M4

2. Iċ-ċentri kollha ta' ġbir ta' semen għandhom jiġu rreġistrati, b'kull ċentru jingħata numru ta' reġistrazzjoni veterinarja.

Kull Stat Membru għandu jfassal u jżomm aġġornata l-lista taċ-ċentri ta' ġbir ta' semen u n-numri ta' reġistrazzjoni veterinarja tagħhom u jagħmilha disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

▼B

3. Ir-regoli ġenerali sabiex ikun applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

L-Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li kull kunsinna ta' sperma tkun akkompanjata b'ċertifikat ta' saħħa tal-bhima mimli bi qbil ma' l-abbozz fl-Anness D minn veterinarju uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġbir.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) jinkiteb f'għallinqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru tal-ġbir u waħda minn dawk ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(b) jakkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni tagħha fil-forma oriġinali tiegħu;

(ċ) jiġi miktub fuq folja waħda;

(d) jkun magħmul għal kunsinna waħdanija.

2. L-Istat Membru tad-destinazzjoni jista', b'żieda mal-miżuri li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/425/KEE, jieħu l-miżuri meħtieġa, li jinkludu l-ħażna fi kwarantina, sakemm din ma taffettwax l-vijabbiltà ta' l-isperma, sabiex jikseb prova definittiva f'każijiet meta l-isperma ikun issuspettata li tkun infettata jew ikkontaminata b'organiżmi patoġeniċi.

IL-KAPITOLU III

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

L-Artikolu 7

1. Stat Membru jista' jawtorizza l-importazzjoni ta' sperma biss minn dawk il-pajjiżi terzi li jidhru f'lista mħejjija bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19. Dik il-lista' tista tiġi ssupplimentata jew emendata bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

2. Fid-deċiżjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx jista' jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1, għandu jingħata kas partikolari ta':

(a) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem, bhejjem domestiċi oħra u bhejjem selvaġġi f'dak il-pajjiż, b'referenza partikolari lejn mard ta' bhejjem eżotiċi, u s-sitwazzjoni ta' saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li tista tpoġġi fil-perikolu s-saħħa tal-bhejjem fl-Istati Membri;

▼B

(b) ir-regolarità u rapidità ta' l-informazzjoni fornuta minn dak il-pajjiż dwar l-eżistenza ta' mard kuntaġġjuż ta' bhejjem fit-territorju tiegħu li jiġi trasmess permezz ta' l-isperma, b'mod partikolari dak il-mard imsemmi fil-listi A u B ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(ċ) ir-regoli ta' dak il-pajjiż dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard tal-bhejjem;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji f'dak il-pajjiż u s-saħħa tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jipprevienu u jikkontrollaw mard kuntaġġjuż tal-bhejjem; u

(f) il-garanziji li dak il-pajjiż jista' jagħti fir-rigward ta' konformità ma din id-Direttiva.

3. Il-lista li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 u l-emendi kollha għaliha għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M4

L-Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni ta' semen mibgħut minn ċentru ta' ġbir ta' semen f'wieħed mill-pajjiżi terzi li jidher fil-lista msemmija fl-Artikolu 7 u li għalih l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat tista' tiggarantixxi li ntlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jissodisfa l-kondizzjonijiet:

(i) għall-approvazzjoni taċ-ċentri ta' ġbir ta' semen stipulati fil-Kapitolu I ta' l-Anness A;

(ii) rigward is-sorveljanza ta' dawn iċ-ċentri stipulati fil-Kapitolu II tiegħu;

(b) ikun ġie uffiċjalment approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;

(c) ikun tqiegħed taħt is-sorveljanza ta' veterinarju taċ-ċentru;

(d) ikun suġġett għal spezzjonijiet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-anqas darbtejn fis-sena.

2. Il-lista taċ-ċentri ta' ġbir ta' semen li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li tidher fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 7 approvat skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li minnhom is-semen jista' jintbagħat lejn il-Komunità għandha tkun ikkomunikata lill-Kummissjoni.

L-approvazzjoni ta' ċentru ta' ġbir ta' semen għandha tiġi immedjatament sospiża jew irtirata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jekk ma jissodisfax aktar il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament b'dan.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri bil-listi ġodda jew aġġornati kollha li hi tirċievi mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat skond dan il-paragrafu u għandha tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għal skopijiet ta' informazzjoni.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2).

▼B

L-Artikolu 9

1. Sperma għandha tiġi minn bhejjem li, immedjatament qabel il-ġbir ta' l-isperma tagħhom, baqgħu għal mill-inqas tliet xhur fit-territorju tal-pajjiż terz li jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 7(1).

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(1) u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni ta' sperma minn pajjiż terz fil-lista sakemm l-isperma tkun tikkonforma mal-ħtiġiet tas-saħħa tal-bhejjem adottati permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, għall-importazzjonijiet ta' sperma minn dak il-pajjiż.

Fl-adottazzjoni tal-ħtiġiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel sottoparagrafu, kunsiderazzjoni għandha tingħata lejn:

(a) is-sitwazzjoni tas-saħħa fl-inħawi ta' madwar iċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma, b'referenza partikolari għall-mard li jidher fil-lista A ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(b) l-istat tas-saħħa tal-qatgħa fiċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma u l-ħtiġiet ta' l-ittestjar;

(ċ) l-istat ta' saħħa tal-bhima donatriċi u l-ħtiġiet ta' l-ittestjar;

(d) il-ħtiġiet ta' l-ittestjar fir-rigward ta' l-isperma.

3. Il-bażi ta' referenza sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem għandhom ikunu n-normi stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness li korrispondenti. Jista' jiġi deċiż, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, fuq bażi ta' każ b'każ, li jiġu mneħħija dawn il-kondizzjonijiet meta l-pajjiż terz ikkonċernat jipprovdi garanziji simili tas-saħħa tal-bhejjem, li jkunu għallinqas ekwivalenti.

4. L-Artikolu 4 għandu jgħodd.

L-Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-isperma biss fuq il-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa tal-bhejjem miktub u ffirmat minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz tal-ġbir.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) jiġi miktub f'għallinqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni u waħda minn dawk ta' l-istat Membru fejn isir il-kontroll ta' l-importazzjoni li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 11;

(b) jakkompanja l-isperma sad-destinazzjoni tagħha fil-forma oriġinali;

(ċ) jiġi miktub fuq folja ta' karta waħda;

(d) ikun magħmul għal destinatarju wieħed.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-bhejjem għandu jkun jaqbel ma l-abbozz imħejjii permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19.

L-Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li kull kunsinna ta' sperma li tidħol fit-territorju tad-dwana tal-Komunità tkun soġġetta għall-kontroll qabel ma tinħeles għal ċirkolazzjoni ħielsa jew qabel ma titpoġġa taħt il-proċedura tad-dwana u għandha tipprojbixxi l-introduzzjoni ta' l-isperma fil-Komunità jekk il-kontroll ta' l-importazzjoni magħmul mal-wasla juri li:

— l-isperma ma tkunx ġejja mit-territorju ta' pajjiż terz fil-lista mħajjija bi qbil ma' l-Artikolu 7(1),

— l-isperma ma tkunx ġejja minn ċentru ta' ġbir ta' sperma fil-lista li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8(1),

— l-isperma tkun ġejja mit-territorju ta' pajjiż terz li minnu hija pprojbita l-importazzjoni bi qbil ma' l-Artikolu 15(2),

▼B

— iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-bhejjem li jakkompanja l-isperma ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 10 u stabbiliti bi qbil miegħu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal kunsinni ta' sperma li jaslu fit-territorju tad-dwana tal-Komunità u li jitpoġġew taħt il-proċedura ta' transit tad-dwana għall-kunsinna lejn destinazzjoni li tkun tinsab' il barra mit-territorju msemmi.

Iżda, għandu jkun applikabbli meta t-transit doganali jitwarrab matul it-territorju tal-Komunità.

2. L-Istat Membru ta' destinazzjoni jista' jieħu l-miżuri meħtieġa, li jinkludu l-ħażna fil-kwarantina sakemm dan ma jaffettwax il-vijabbltà ta' l-isperma, sabiex tinkiseb prova definittiva f'każijiet meta jkun hemm suspett li l-isperma tkun infettata jew ikkontaminata b'organiżmi patoġeniċi.

3. Jekk l-ammissjoni ta' l-isperma tkun ġiet ipprojbita għal kwalunkwe raġuni stabbilita fil-paragrafi 1 u 2 u l-pajjiż terz esportatur ma jawtorizzax ir-ritorn ta' l-isperma fi żmien 30 ġurnata fil-każ ta' sperma iffriżata, jew immedjatament fil-każ ta' sperma friska, l-awtorità veterinarja kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' tordna li tiġi meqruda.

L-Artikolu 12

Kull kunsinna ta' l-isperma awtorizzata sabiex tiġi ammessa fil-Komunità minn Stat Membru fuq il-bażi tal-kontroll li hemm referenza għalih fl-Artikolu 11(1) għandha, meta mibgħuta lejn it-territorju ta' l-istat Membru l-ieħor, tkun akkompanjata b'ċertifikat oriġinali jew kopja awtentikata tiegħu, awtorizzat kif xieraq, f'kull każ, mill-awtorità kompetenti li kienet responsabbli għall-kontroll imwettaq bi qbil ma l-Artikolu 11.

L-Artikolu 13

Jekk ikun deċiż li jittieħdu miżuri tal-qerda bis-saħħa ta' l-Artikolu 11(3), l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-fornitur, id-destinatarju jew mill-aġent tagħhom, mingħajr kumpens mill-Istat.

IL-KAPITOLU IV

Miżuri ta' prekawzjoni u ta' kontroll

L-Artikolu 14

Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 90/425/KEE għandhom japplikaw b'mod partikolari fir-rigward ta' verifiki fl-oriġini, fl-organizzazzjoni u fl-osservar tal-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 15

1. Il-miżuri ta' prekawzjoni li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 90/425/KEE għandhom japplikaw għal kummerċ intra-Komunitarju.

▼M4

2. Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 97/78/KE għandhom japplikaw, b'mod partikolari għall-organizzazzjoni u l-verifiki sussegwenti li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu applikati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22 ta' dik id-Direttiva.

▼B

L-Artikolu 16

1. Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-istati Membri u l-pajjiżi terzi, jagħmlu kontrolli fuq il-post sakemm dan ikun indispensabbli sabiex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

Il-pajjiż tal-ġbir li fit-territorju tiegħu jkun qiegħed isir kontroll għandu jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż tal-ġbir ikkonċernat bir-riżultati tal-kontrolli.

Il-pajjiż tal-ġbir ikkonċernat għandu jieħu kwalunkwe miżuri li juru li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jittieħed akkont tar-riżultati ta' dan il-kontroll. Jekk il-pajjiż tal-ġbir ma jiħux dawk il-miżuri, il-Kummissjoni tista', wara li tkun ġiet eżaminata s-sitwazzjoni mill-Kumitat Veterinarju Permanenti, tagħmel rikors għad-dispożizzjonijiet tat-tielet sottoparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) u ta' l-Artikolu 5.

2. Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazjoni ta' dan l-Artikolu, speċjalment fir-rigward tal-frekwenza u l-metodu tat-twettiq tal-kontrolli li hemm referenza għalihom fl-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19.

IL-KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 17

L-Annessi għal din id-Direttiva għandhom jiġu emendati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 sabiex jiġu addattati għall-avvanzi fit-teknoloġija.

▼M3

L-Artikolu 18

1. Il-Kommissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanentri tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([1]).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([2]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

L-Artikolu 19

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien sabbiit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal 15-il jum.

([1]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23

▼B

L-Artikolu 20

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tkun applikabbli għall-isperma miġbura u pproċessata fi Stat Membru qabel il-31 ta' Diċembru 1991.

2. Sad-data ta' dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet adottati bi qbil ma' l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet ta' l-isperma minn pajjiżi terzi, kondizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II.

L-Artikolu 21

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1991 l-aktar tard. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 22

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

L-ANNESS A

KAPITOLU I

Il-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' ċentri għall-ġbir tas-semen

Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen għandhom:

1. ikunu mqiegħda taħt is-superviżjoni permanenti ta' veterenarju taċ-ċentru;

2. ikollhom mill-anqas:

   (a) imqajjel għall-annimali inklużi l-faċilitajiet għall-iżolazzjoni ta' l-annimali li ma jkunux għaddew mit-testijiet deskritti fl-Anness B, il-Kapitolu II, jew li juru sinjali kliniċi tal-marda,

   (b) faċilitajiet għall-ġbir tas-semen inkluża kamra separata għat-tindif u d-diżinfettazzjoni jew l-isterilizzazzjoni tat-tagħmir,

   (ċ) kamra għall-ipproċessar tas-semen li mhux neċessarjament tkun fuq l-istess sit,

   (d) kamra għall-ħażna tas-semen li mhux neċessarjament tkun fuq l-istess sit;

3. ikunu hekk imbnija jew iżolati hekk li jkun hemm il-prevenzjoni ta' l-kuntatt ma' bhejjem ħajjin barra miċ-ċentru;

4. ikunu hekk imbnija li l-faċilitajiet għaż-żamma ta' l-annimali u għall-ġbir tas-semen, għall-ipproċessar u għall-ħażna jistgħu jkunu mnaddfa u ddiżinfettati mingħajr tbagħtija;

5. ikunu hekk iddisinjati li l-akkommodazzjoni ta' l-annimali tkun fiżikament separta mill-kamra ta' l-ipproċessar tas-semen u li t-tnejn li huma jkunu separati mill-kamra tal-ħażna tas-semen.

KAPITOLU II

Kondizzjonijiet li jirrigwardaw is-sorveljanza taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen

Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen għandhom:

1. ikunu hekk issorveljati li jkun fihom biss annimali ħajjin ta' l-ispeċi li s-semen tagħhom għandu jkun miġbur;

2. ikunu hekk issorveljati tali li jinżammu reġistri, *files*, jew reġistri bil-kompjuter, ta' l-annimali tar-razza tal-maġjali kollha f'dak iċ-ċentru, li jkollhom dettalji tar-razza, tad-data tat-twelid u ta' l-identifikazzjoni ta' kull wieħed mill-annimali, u wkoll registru, *file* jew reġistru bil-kompjuter tal-verifiki kollha għall-mard u l-vaċċinazzjonijiet kollha mwettqa, li jkun fihom ukoll informazzjoni mill-*file* ta' kull annimal dwar il-mard/saħħa tiegħu;

3. ikollhom spezzjoni regolari minn veterenarju uffiċjali, mill-anqas darbtejn fis-sena, u kull darba għandhom jitwettqu verifiki dwar il-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni u tas-sorveljanza;

4. ikollhom tali sorveljanza li d-dħul ta' persuni mhux awtorizzati tkun ipprevenuta. Aktar minn hekk, viżitaturi awtorizzati għandhom ikunu meħtieġa li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-veterinarju taċ-ċentru;

5. jimpjegaw persuna teknikament kompetenti u mħarrġa sewwa fil-proċeduri tad-diżinfettazzjoni u t-teknika ta' l-iġjene li huma relevanti għall-kontrol tat-tixrid tal-mard;

6. ikollhom sorveljanza tali hekk li:

   (a) biss dak is-semen li jkun miġbur f'ċentru approvat ikun ipproċessat u maħżun f'ċentri approvati, mingħajr ma jiġi f'kuntatt ma' xi konsenji oħra ta' semen;

   (b) il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna tas-semen isseħħ biss f'dak il-bini mħolli għal dak l-iskop u permezz tal-kondizzjonijiet ta' iġjene l-aktar stretti;

   (ċ) l-apparat kollu li jiġi f'kuntatt mas-semen jew ma' l-annimal donatur matul il-ġbir u l-ipproċessar ikun iddiżinfettat sewwa jew sterilizzat qabel l-użu;

   (d) prodotti ta' l-oriġini mill-annimali użati fl-ipproċessar tas-semen - inklużi addittivi jew dilwenti - ikunu akkwistati minn sorsi li ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew li jkunu hekk trattati qabel l-użu li riskju bħal dak ikun ipprevenut;

▼M1

(e) vażetti tal-ħażna u vażetti tat-trasport ikunu ddiżinfettati sewwa jew sterilizzati qabel l-użu fil-bidu ta' kull operazzjoni tal-mili;

(f) l-aġent krioġeniku użat ma jkunx ġie użat qabel għal xi prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali;

(g) kull ġabra tas-semen, sew jekk iva u anki jekk le, ma tkunx separata f'dożi individwali, tkun immarkata ċara b'tali mod li d-data tal-ġabra tas-semen u tar-razza u ta' l-identifikazzjoni ta' l-annimal donatur, kif ukoll l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni taċ-ċentru, ippreċedut bl-isem tal-pajjiż ta' l-oriġini, meta xieraq, fl-għamla ta' kodiċi, jista' jkun stabbilit mingħajr tbagħtija; il-karatteristiċi u l-għamla ta' din il-marka għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19.

▼M1

L-ANNESS B

KAPITOLU I

Il-kondizzjonijiet applikabbli għad-dħul ta' l-annimali fiċ-ċentri approvati għall-ġbir tas-semen

1. L-annimali kollha mdaħħla fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għandhom:

(a) ikunu ġew soġġetti għal perjodu ta' kwarantina ta' mill-anqas 30 jum f'akkomodazzjoni speċifikatament approvata għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, fejn biss dawk l-annimali li jkollhom mill-anqas l-istess status ta' saħħa jkunu preżenti;

(b) qabel ma jiddaħħlu fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina deskritta f'(a) ikunu ġew magħżula minn merħliet jew oqsma:

— li huma ħielsa mill-bruċellosi bi qbil ma' l-Artikolu 3.5.2.1 tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali,

— li fiha l-ebda vaċċinazzjoni ta' l-annimali kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma tkun preżenti matul it-tnax-il xahar preċedenti,

— li l-ebda evidenza klinika, seroloġika jew viroloġika tal-marda *Aujeszky* ma tkun instabet matul it-tnax-il xahar preċedenti,

— li ma jkunux jinstabu f'żona ristretta kif definita permezz tad-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Komunità minħabba li tkun skoppjat marda tal-majjali domestiċi.

L-annimali ma setgħux preċedentement kienu miżmuma f'xi merħla ta' status aktar baxx

(ċ) qabel il-perjodu ta' kwarantina speċifikat f'(a) u fi żmien it-30 jum preċedenti, kienu ġew soġġetti għat-testijiet segwenti, imwettqa bi qbil mannormi stabbiliti fid-Direttivi relevanti, b'riżultati negattivi:

— test ta' fissazzjoni komplimentarja jew test mewwieti ta' l-antiġenu tal-bruċella fir-rigward tal-bruċellosi (mill-1 ta' Jannar 2001, it-test ta' l-antiġenu tal-bruċella mewwieti għandu jkun l-uniku test awtorizzat),

— test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew it-test ELISA li juża l-antiġeni kollha tal-marda virali *Aujeszky* fil-każ ta' majjali li ma humiex imlaqqma,

— jew test ELISA għall-antiġeni ĠI tal-marda *Aujeszky* fil-każ ta' majjali mlaqqma bil-vaċċina tal-ĠI imħassra,

— test ELISA jew test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-preżenza tal-marda klassika tal-majjali.

F'dak li jirrigwarda l-bruċellosi, jekk ikun hemm prova li l-annimali huma pożittivi, l-annimali b'riżultati negattivi fl-istess qasam ikunu mdaħħla fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina wara l-konferma tal-merħliet jew tal-qasam ta' l-oriġini bi status ta' ħielsa mill-bruċellosi dwar ir-reatturi pożittivi.

L-awtorità komplimentarja tista' tagħti awtorizzazzjoni għat-testijiet li hemm referenza dwarhom f'dan il-paragrafu biex jitwettqu fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina, basta li r-riżultati jkunu magħrufa qabel il-bidu tal-perjodu tat-30 jum kwarantina kif stabbilit f'(a);

(d) matul l-aħħar 15-il jum tal-perjodu tal-kwarantina ta' mill-anqas 30 jum kif speċifikati f'(a), ikunu ġew soġġetti għat-testijiet segwenti b'riżultati negattivi;

— fir-rigward tal-bruċellosi, test ta' fissazzjoni komplimentarja jew test mewwieta ta' l-antiġenu tal-bruċella (mill-1 ta' Jannar 201 it-test mewwieti ta' l-antiġenu tal-bruċella għandu jkunu l-uniku test awtorizzat),

— test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA li juża l-antiġeni virali kollha tal-Marda *Aujeszky* fil-każ ta' majjali li ma għandhomx it-tilqima, jew test ELISA għall-antiġeni GI tal-marda *Aujeszky* fil-każ ta' majjali li għandhom it-tilqima bil-vaċċina GI imħassra.

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet fil-każi ta' meta l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew mard ieħor elenkati fil-lista A tkun saret dijanjożi tagħhom, jekk kwalunkwe mit-testijiet imsemmija hawn fuq jirriżultaw pożittivi, l-annimal għandu jkun imneħħi minnufih mill-akkomodazzjoni

▼M1

tal-kwarantina. Fil-każ ta' kwarantina ta' grupp sħiħ, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tassigura li l-annimali li jkun fadlilhom status ta' saħħa sodisfaċenti qabel ma jkunu mdaħħla fiċ-ċentru tal-ġbir bi qbil ma' dan l-Anness.

B'dana kollu, f'dak li jirrigwardja l-bruċellosi meta l-annimali jkunu pożittivi, il-protokoll segwenti għandu jkun implimentat:

(i) is-sera pożittiva tkun soġġetta għal test ta' sero-aglutinazzjoni kif ukoll għat-test imsemmi fl-ewwel inċiż ta' hawn fuq li ma jkunx ġie mwettaq,

(ii) stħarriġ epidemoloġiku jkun imwettaq dwar l-oqsma ta' l-oriġini dwar l-annimali li jkollhom reazzjoni,

(iii) dwar l-annimali pożittivi, tieni serje ta' testijiet (it-test mewwieti ta' l-antiġenu tal-bruċella, is-sero-aglutinazzjoni, il-fissazzjoni komplimentarja) għandha titwettaq fuq il-kampjuni miġbura aktar min seba' ġranet wara l-ewwel ġbir.

Is-suspett ta' bruċellosi għandu jkun ikkonfermat jew eliminat fid-dawl tar-riżultati ta' l-istħarriġ imwettaq fuq l-oqsma ta' l-oriġini u t-tqabbil tar-riżultati taż-żewġ serje ta' testijiet.

Meta s-suspett tal-bruċellosi jkun eliminat, l-annimali negattivi għall-ewwel test tal-bruċellosi jistgħu jkunu mdaħħla fiċ-ċentru. L-Annimali pożittivi għal test wieħed jistgħu jkunu aċċettati jekk ikunu wieġbu fin-negattiv għaż-żewġ serje ta' testijiet (it-test mewwieti ta' l-antiġenu tal-bruċella, is-sero-aglutinazzjoni, il-fissazzjoni komplimentarja) imwettqa matul intervall ta' mill-anqas sebat ijiem.

2. It-testijiet kollha għandhom ikunu mwettqa minn laboratorju approvat mill-Istati Membri.

3. L-Annimali jistgħu jkunu mdaħħla biss fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen bil-permess attwali tal-veterinarju taċ-ċentru. Il-movimenti kollha ta' l-annimali, kemm 'il ġewwa u wkoll 'il barra, għandhom ikunu reġistrati.

4. L-ebda annimal aċċettat fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma jista' jkun juri sinjali kliniċi ta' marda fil-jum ta' meta jkun aċċettat; l-annimali kollha għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, ikunu ġejjin direttament mill-akkomodazzjoni tal-kwarantina kif hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1(a) li, fil-jum tal-konsenja, ikun uffiċjalment jissodisfa l-kondizzjonijiet segwenti:

(a) ma jkunx jinstab f'żona ristretta kif definita permezz tad-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Komunità minħabba li tkun skoppjat xi marda tal-majjali domestiċi;

(b) ►M2 l-ebda xhieda klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszkys ma tkun ġiet irreġistrata ma' tul l-aħħar 30 jum. ◄

5. Sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 jkunu milħuqa u t-testijiet ta' rutina li hemm referenza dwarhom fil-Kapitolu II ikunu twettqu matul it-12-il xahar preċedenti, l-annimali jistgħu jkunu trasferiti minn ċentri tal-ġbir tas-semen lejn ċentru ieħor ta' status ta' saħħa ekwivalenti mingħajr kwarantina jew testijiet jekk it-trasferiment iseħħ direttament. L-annimali f'dak il-każ m'għandhomx jiġu f'kuntatt dirett jew indirett ma' annimali oħrajn tat-tip bid-difer maqsum ta' status tas-saħħa aktar baxx u l-mezzi tat-trasport użati għandhom ikunu ddiżinfettati qabel l-użu.

6. Fil-każ ta' kummerċ bejn l-Istati Membri, l-annimali għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li jkun konformi mal-mudell 2 fl-Anness F tad-Direttiva 64/432/KEE, u d-diżinfettazzjoni tal-meżżi tat-trasport trid tkun iċċertifikata skond is-sezzjoni C, il-punt 4, bħala waħda mill-garanziji addizzjonali, li jikkorrispondu ma' l-istatus tagħhom:

— l-annimali jiġu direttament miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li jkun konformi mad-Direttiva 90/429/KEE;

— l-annimali jiġu direttament minn akkomodazzjoni ta' kwarantina u jkunu konformi mal- kondizzjonijiet tad-dħul taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li hemm provvediment dwarhom fil-kapitolu 1 ta' l-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE;

— l-annimali jiġu direttament minn qasam minn fejn dawn kienu għaddejjin mill-protokoll li jippreċedi d-dħul fil-kwarantina u huma konformi mal-kondizzjonijiet għad-dħul fil-kwarantina li hemm provvediment dwarhom fil-Kapitoli I, il-punti (1)(b)(ċ) u (2) ta' l-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE.

▼M1

KAPITOLU II

Testijiet obbligatorji ta' rutina għall-annimali mizmuma f'ċentru approvat għal ġbir tas-semen

1. L-annimali kollha f'ċentru approvat għal-ġbir tas-semen għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet segwenti b'riżultati negattivi:

   (a) test ELISA ta' newtralizzazzjoni tas-serum li jagħmel użu mill-antiġeni virali tal-marda *Aujesszky* fil-każ ta' majjali li ma humiex imlaqqma, jew test ELISA dwar l-antiġeni G1 dwar il-marda *Aujeszky* fil-każ ta' majjali mlaqqma bil-vaċċina G1 imħassra;

   (b) f'dak li jirrigwarda l-bruċellosi, test komplimentarju ta' fissazzjoni jew test mewwieti dwar l-antiġenu tal-bruċella (mill-1 ta' Jannar 2001 it-test mewwieti dwar l-antiġenu tal-bruċella għandu jkun l-uniku test awtorizzat);

   (ċ) test ELISA jew test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-preżenza ta' l-antikorpi tad-deni klasiku tal-qżieqes.

   Dawn it-testijiet għandhom ikunu mwettqa jew:

   fuq l-annimali kollha li jħallu ċ-ċentru, imma mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul meta dawn ma jkunux ħallew iċ-ċentru qabel dan iż-żmien. Il-kampjunar jista' jitwettaq f'biċċerija;

   jew

   fuq 25 % ta' l-annimali fiċ-ċentru li jkunu ttestjati darba kull tliet xhur.

   F'dan il-każ, il-veterinarju taċ-ċentru għandu jassigura li l-kampjuni miġbura jkunu rappreżentattivi tal-popolazzjoni totali taċ-ċentru, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-grupp ta' l-età u l-akkomodazzjoni tal-ħnieżer. Aktar minn hekk, il-veterinarju taċ-ċentru għandu wkoll jassigura li l-annimali kollha jkunu ttestjati mill-anqas darba matul l-aġġorn tagħhom fiċ-ċentru u mill-anqas darba kull 12-il xahar jekk l-aġġorn tagħhom jeċċedi sena.

2. It-testijiet kollha għandhom jitwettqu minn laboratorju approvat mill-Istat Membru.

3. Jekk uħud mit-testijiet ta' hawn fuq jirriżultaw fil-pożittiv, l-annimal għandu jkun iżolat u s-semen miġbur minnu sa minn meta kien hemm l-aħħar test negattiv ma jistax ikun soġġett għall-kummerċ intra-Komunitarju.

   Jekk uħud mit-testijiet ta' hawn fuq jirriżultaw bħala pożittivi, l-annimal għandu jkun iżolat u s-semen miġbur minn sa mill-aħħar test negattiv ma jistax ikun soġġett għall-kummerċ intra-Kominitarju. Is-semen miġbur minn kull annimal fiċ-ċentru sa mid-data ta' l-aħħar test negattiv ta' dak l-annimal għandu jinżamm f'ħażna separata u ma jistax ikun is-soġġett ta' kummerċ intra-Komunitarju sakemm l-istatus tas-saħħa taċ-ċentru ma jkunx ġie stabbilit mill-ġdid.

▼M1

L-ANNESS Ċ

Kondizzjonijiet li s-semen miġbur f'ċentri approvati għandu jissodosfa għall-iskopijiet tal-kummerċ intra-Komunitarju

1. Is-semen għandu jkun miksub minn annimali li:

   (a) ma juru l-ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum meta s-semen ikun miġbur;

   (b) ma jkollhomx it-tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

   (ċ) jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Anness B, il-Kapitolu I;

   (d) ma jkunux imħollija li jinqdew naturalment;

   (e) jinżammu f'ċentri tal-ġbir tas-semen li għandhom ikunu jinstabu f'żona ristretta nnominata permezz tad-disposizzjonijiet tal-leġistazzjoni tal-Komunità li tirrigwarda l-mard li jittieħed tal-majjali domestiċi;

   (f) ikunu nżammu fiċ-ċentri tal-ġbir tas-semen li, ma' tul il-perjodu ta' 30 jum li immedjatament jippreċedi l-ġbir, ikun ħieles mill-marda *Aujeszky*.

2. Għaqda effettiva ta' anti-korpi, partikolarment kontra l-leptospiri u l-mikoplasmi, għandhom ikunu miżjuda mas-semen wara l-aħħar trattib jew mal-materjal tat-trattib. Fil-każ ta' semen iffriżat, l-anti-korpi għandhom ikunu miżjuda qabel ma s-semen ikun iffriżat.

   Dan it-tgħaqqid għandu jipproduċi effett mill-anqas ekwivalenti għat-trattib segwenti:

mhux anqas minn:	500 µg streptomiċin kull ml trattib finali
	500 IU peniċillin kull ml trattib finali
	150 µg linkomiċin kull ml trattib finali
	300 µg spektinomiċin kull ml trattib finali

   Immedjatament wara ż-żieda ta' l-anti-korpi ma' l-antibijotiċi, is-semen imrattab għandu jiżamm f'temperatura ta' mill-anqas 15 °C għall-perjodu ta' mhux anqas minn 45 minuta.

3. Semen għal kummerċ intra-Komunitarju għandu:

   (a) jkun maħżun kif stabbilit fil-Kapitoli I u II ta' l-Anness A qabel il-konsenja;

   (b) għandu jkun ittrasportat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni f'vażetti li jkunu ġew imnaddfa u ddiżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu u li jkunu ġew issiġillati qabel il-konsenja mill-faċilitajiet approvati tal-ħażna.

4. L-Istati Membri jistgħu jiċħdu d-dħul ta' semen minn ċentri tal-ġbir fejn ikunu aċċettati qżieqeż li jkollhom it-tilqima kontra l-marda *Aujeszky*, fit-territorju tagħhom jew f'reġjun tat-teritorju tagħhom, li jkun rikonoxxut bħala ħieles mill-marda *Aujeszky* bi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.”

▼B

L-ANNESS D

1. Isem u indirizz shih tal-fornitur:	**ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-BĦEJJEM** Nru Oriġinali 2. Stat Membru ta' l-origini:
3. Isem u indirizz shih tad-destinatarju:	4. Awtorità kompetenti
NOTI: (a) Għandu jiġi maħruġ ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' sperma. (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sal-post tad-destinazzjoni.	5. Awtorità lokali kompetenti
6. Post tat-tagħbija	
8. Mezz tat-trasport	7. Isem u indirizz taċ-ċentru ta' ġbir ta' sperma
9. Post u Stat Membru tad-destinazzjoni:	
11. Numru u l-kodiċi tal-marka tar-reċipjenti ta' l-isperma	10. Numru tar-reġistrazzjoni taċ-ċentru ta' ġbir ta' sperma:

12. Identifikazzjoni ta' l-isperma

(a) Numru ta' dożi	(b) Data(Dati) ta' ġbir.	(c) Razza
(d) Identifikazzjoni ta' l-annimal donatur		

13. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:

(a) l-isperma deskritta hawn fuq ġiet miġbura, ipproċessata u maħżuna skond il-kondizzjonijiet li huma konformi man-normi stabbiliti fid-Direttiva 90/429/KEE;

(b) l-isperma deskritta hawn fuq ġiet miġbura minn ħnieżer tar-reſgħa:

(i) f'ċentru ta' ġbir li fih biss bhejjem li ma ġewx imlaqqma kontra l-marda Aujeszky u li taw riżultat negattiv fit-test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew għat-test ELISA għall-marda Aujeszky, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/429/KEE [1],
jew

(ii) f'ċentru li fih uhud mill-ħnieżer tar-reſgħa ġew imlaqqma kontra l-marda Aujeszky bl-użu ta' vaċċinazzjoni *GI deleted*; ħnieżer tar-reſgħa bħal dawn wara li ġew seronegattivi fir-rigward tal-marda Aujeszky qabel il-vaċċinazzjoni u soġġetti tliet ġimgħat wara għall-eżaminazzjoni seroloġika li ma urietx il-preżenza ta' antikorpi prodotti mill-virus tal-marda, u, f'dak il-każ, l-isperma tal-qatgħa tkun ġiet soġġetta għal test ta' l-iżolament tal-virus għall-marda Aujeszky fil-laboratorju ..... [2], u ta reazzjoni negattiva [1];

(c) l-isperma deskritta hawn fuq ġie mibgħuta lejn il-post tat-tagħbija f'reċipjenti ssiġġillati taħt kondizzjonijiet li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 90/429/KEE.

Timbru

Magħmul ....., ...

Firma .....

Isem u kwalifiki (b'ittri kapitali) .....

.....

.....

[1] Ħassar liema mill-punti (i) jew (ii) ma japplikawx.
[2] Isem tal-laboratorju speċifikat bi qbil ma' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/429/KEE.